**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 32/2019 RM**

**L.R. Flavours and Fragrances Industries S.p.A.**

**-Vs-**

**Eco-Tree Manufactures Limited (C 56381)**

**Illum, 15 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fl-20 ta' Frar 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lilha l-bilanc dovut ghal xiri ta' prodotti u merkanzija minghand il-kumpanija rikorrenti skond il-fattura hawn annessa u mmarkata Dok A fl-ammont ta' sebat elef, seba' mija u disghin ewro (€7,790) li huwa l-bilanc rimanenti minn somma aktar ta' €10,790 li kienu thallsu €3,000.

Rat illi s-socjeta` konvenuta debitament notifikata[1] baqghet ma kkontestatx it-talba attrici u lanqas dehret quddiem il-Qorti sabiex tirregistra l-oppozizzjoni taghha.

[1] Fis-16 ta' April 2019, vide fol. 7 *tergo*.

Rat in-nota ta' cessjoni tas-sorte li gietipprezentata mis-socjeta` attrici fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019;

Rat illi permezz tal-istess nota s-socjeta` attrici zammet ferm it-talba taghha ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza;

Rat illi fuq talba tas-socjeta` attrici, il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu dwar il-kap tal-ispejjez;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum sabiex tinghata s-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni ghall-hlas ta' ammont bilancjali dovut fuq xiri ta' prodotti ta' merkanzija. Jirrizulta illi l-ammont totali dovut fuq il-fattura esebita mar-Rikors promotur[2], kien ta' €10,790 izda ghalkemm thallset is-somma ta' €3,000, il-bilanc ta' €7,790 baqa' ma thallasx u s-socjeta` attrici ressqet din l-azzjoni sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata ghall-hlas ta' dan l-ammont bilancjali.

Il-kwistjoni li fadal f'din il-kawza hija limitata ghall-kap tal-ispejjez. Mill-atti l-Qorti fehmet illi wara illi giet istitwita din il-kawza, is-socjeta` konvenuta hallset il-bilanc ta' €7,790 tant illi s-socjeta` attrici cediet l-atti tal-kawza kwantu t-talba ghall-hlas tas-sorte, imma billi jirrizulta li l-ispejjez tal-kawza baqghu ma thallsux, hija zammet shih il-kap tal-ispejjez.

Ghalkemm mit-talba kif formulata fir-Rikors promotur, ma jidhrix illi s-socjeta` attrici espressament talbet il-hlas tal-ispejjez tal-kawza, din it-talba titqies

[2] Fol. 2.

dejjem bhala mdahhal f'kull skrittura li fiha jistghu jintalbu l-ispejjez u dan bis-sahha tal-Artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-aspett legali tal-kwistjoni ta' min imissu jerfa' l-hlas tal-ispejjez tal-kawza, ir-regola generali izda mhux inflessibbli, kif enuncjata fl-Artikolu 223(1) tal-Kap. 12 hi li mi jitlef il-kawza jrid ihallas hu l-ispejjez marbutin ma' dik il-kawza. Izda f'kull kaz il-Qorti tista' tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha meta kull wahda mill-partijiet tkun telliefa f'xi punt tal-kawza jew meta jitqajmu kwistjonijiet difficli tal-ligi jew ghal xi raguni ohra tajba.[3]

Izda mbaghad fejn il-parti attrici, bhal f'din il-kawza, iccedi l-atti fil-mertu jew dwar is-sorte mitlub, qabel tinghata s-sentenza hija tbati wkoll, normalment, il-hlas tal-ispejjez tal-kawza. **Izda meta l-parti attrici ccedi l-atti tal-kawza minhabba li l-konvenut ikun sadanittant hallas jew wettaq dak li gie mitlub jew li jifforma l-mertu tal-att promotur, ir-regola hi li hija l-parti konvenuta li trid tbati l-ispejjez**.

Hu proprju hekk gara fil-kaz odjern, ghaliex ghall-Qorti, il-fatt li l-hlas tal-ammont mitlub mill-parti attrici gie effettwat wara l-ftuh tal-proceduri, ifisser necessarjament illi dak l-ammont kien tassew dovut.

Ghalkemm fil-kaz tal-lum ma jirrizultax mill-atti u lanqas mir-Rikors promotur illi s-socjeta` attrici giet interpellata ufficjalment biex thallas is-somma bilancjali dovuta, huwa evidenti illi s-socjeta` konvenuta mhux talli accettat li dan l-ammont kien dovut billi hallsitu, talli fl-att promotur gie dikjarat li s-socjeta` konvenuta kienet diga` hallset is-somma ta' €3,000 fuq il-fattura mahruga mis-socjeta` attrici ghas-somma totali ta' €10,970[4], u kwindi kienet ilha taf minn qabel giet istitwita din il-kawza illi kien ghad hemm dovut ammont bilancjali fuq din l-istess fattura.

[3] Artikolu 223(3) tal-Kap. 12.
[4] Fattura datata 19 ta' Settembru 2017.

Fuq kollox izda, ghalkemm l-ispejjez tal-kawza baqghu ma thallsux, is-socjeta` konvenuta qatt ma kkontestat formalment ir-responsabbilita` taghha, fic-cirkostanzi, ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez, lanqas wara li hallset is-sorte mitlub fl-att promotur.

Konsegwentement, b'applikazzjoni tar-regoli fuq imsemmija dwar il-qsim bejn il-partijiet tal-ispejjez tal-kawza, u mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi s-socjeta` konvenuta ma wrietx ghaliex ma ghandhiex thallas l-ispejjez tal-kawza u lanqas uriet illi din il-kawza saret ghalxejn tant illi hallset is-sorte fil-mori tal-kawza, il-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex timxi skont ir-regoli fuq imsemmija.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tqis it-talbiet attrici ghall-hlas tas-sorte fid-dawl tac-cessjoni tal-istess sorte maghmula mis-socjeta` attrici bin-nota taghha tal-4 ta' Lulju 2019, tordna illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**